MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2012

Talba Numru. 112/2012

**Raymond Agius (ID. Nru. 531263M) ezercenti l-kummerc bl-isem ta' Alarm Tech**

**Vs**

**Paradise Pools Limited (C-39232)**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fil-15 ta' Frar, 2012** u li permezz taghha r-rikorrenti talab lis-socjeta intimata thallsu s-somma ta' elfejn mija sitta u disghin euro u tnejn u sittin centezmi ta' euro (€2,196.62) u dan wara li ppremetta hekk:

"Illi s-socjeta konvenuta ghandha thallas lill-attur is-somma ta' elfejn mija sitta u disghin euro u tnejn u sittin centezmu (€2,196.62) liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma apparat elettroniku mixtri minghand l-attur kif ukoll ta' xoghol maghmul fuq inkarigu taghkom in

konnessjoni ma l-istess, skond kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Illi s-socjeta konvenuta giet nterpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 2 ta’ Dicembru 2011 mibghuta ai termini ta’ l-Art 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja kontra s-socjeta konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni”.

Ra **r-risposta tas-socjeta intimata** mressqa fit-30 ta’ Marzu, 2012 u li permezz taghha hija ecceppiet hekk:

“It-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu, stante illi l-ammont dovut mitlub thallas;

Illi jekk ghandu jirrizulta li fadal xi bilanc mhux imhallas dana jirreferi ghal tiswijiet u oggetti installati fil-garanzija;

Illi inoltre s-socjeta konvenuta ghamlet spejjez addizzjonali sabiex issewwi l-hsarat kbar illi l-attur halla fis-sistema installata minnu;

Bl-ispejjez kontra l-attur”.

Ra l-verbal datat 2 ta’ Lulju, 2012 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha’ x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

Din il-kawza tirrigwarda talba ghall-hlas ta’ bilanc ghal installar ta’ apparat elettroniku fis-*showroom* tas-socjeta intimata mir-rikorrenti.

Fis-seduta tas-16 ta’ Mejju, 2012 xehed Anthony Debono, rapprezentant tas-socjeta konvenuta. Huwa qal li kien

inkariga lir-rikorrenti sabiex jaghmel xi xogholijiet ta' *fire-alarm* u *alarms* fix-*showroom* tas-socjeta intimata li tinsab fi Plot 23, Zona tal-Qanfud, Mdina Road, Zebbug. Meta tlestew ix-xogholijiet pero inqalghu xi problemi f'dan l-apparat. Wahda minnhom kienet ghar-rigward tal-*keypads*. Izid ighid ukoll li fl-i*store* li hemm max-*showroom* is-socjeta intimata zzomm l-acidu (*acid*) u l-*chlorine* u din kienet, skond ir-rikorrenti l-kawza tal-problemi. "*Kien jghidli li minhabba l-vapours pero nghid illi l-attur kien jaf li jiena nzomm dawn l-affarijiet hemmhekk*" (fol. 8). L-ewwel darba li marret il-*keypad*, ir-rikorrenti kien biddilha l-ghaliex ma setatx tissewwa. L-istess haga ghamel it-tieni darba. Xi zmien wara, r-rikorrenti kien pogga *keypad* fix-*showroom* fejn ma jinzammx acidu u *chlorine*. F'din il-*kepypad* ukoll inqala l-hsara u "*... jiena cempilt lill-attur u gie darbtejn l-istess attur sabiex innaddafha u qalli hu li kien kas ta' trabijiet*" (fol. 8). Meta din il-*keypad* li kien hemm fix-*showroom* reggha grala l-hsara x-xhud gie nfurmat li r-rikorrenti ma setax jirrangaha u dan qallu sabiex icempel lit-*technician* tieghu. Huwa fil-fatt cempel lit-*technician* tar-rikorrenti u skond ix-xhud, dan it-*technician* qallu li ma setax jmur issewwilu din il-*keypad* qabel tlett (3) gimghat. Wara xahar u nofs jistenna, u baqa ma mar hadd biex issewwi dan il-*keypad*, huwa inkariga persuna ohra bl-isem ta' Gary li kien jahdem mar-rikorrenti fl-imghoddi. Din il-persuna qaltlu li s-sistema kienet ix-xxurtjatha u ghalhekk ma kenitx qed tahdem. Meta x-xhud staqsieh x'kellhu jsir, dan Gary qallu li ried jbiddel il-*keypads,* it-*telephone dial* u l-*motherboard*. Wara li tbiddlu dawk l-affarijiet ma kellhux problemi ohra, la kellhu problemi bil-*chlorine*, la bl-acidu u lanqas bit-trabbijiet. Ghal dawn l-ispejjez, ix-xhud ighid li huwa qatt ma fittex lir-rikorrenti u l-oggetti li tbiddlu, ghadhom ghandu u qatt ma ddeppozitahom taht l-awtorita tal-Qorti. Id-dokument immarkat AD1 hija *invoice* rilaxxata minn Unitech lis-socjeta intimata u li fiha hemm indikata s-somma ta' €488.52. Dawn huma l-ispejjez, ighid dan ix-xhud, li s-socjeta konvenuta nefqet biex irrangat is-sistema (ara fol. 32).

Dwar il-hlasijiet li huwa ghamel lir-rikorrenti, x-xhud ighid li huwa kien tah "*... elf euro cash bhala depozitu mill-prezz*

*globali ta' elfejn u erba' mitt euro li konna fthemna li x-xoghol ser jiswa. Dan jiena kont mort l-ufficju ghandu gewwa Birkirkara. Ricevuta ta' dawn l-elf euro ma tanix. Kiteb fuq il-kuntratt ta' bejnietna li jiena tajtu dawn l-elf euro pero l-kuntratt baqa ghandu. Jiena ma ghandix kopja tieghu*" (fol. 9). Sussegwentement meta kienu tlestew ix-xogholijiet, ir-rikorrenti kien cempel lix-xhud u qallu li xtaq jara x-xogholijiet. Meta r-rikorrenti mar fix-*showroom* proprjeta tas-socjeta intimata, x-xhud infurmah li huwa kellhu elf u erba mitt euro (€1,400) fi flus kontanti fuqu. "*L-attur qalli li hu ma giex biex jithallas u qalli li ma kellux l-ircevuti fuqu. Jiena ghidtlu illi jiena kont nafdah u li kont nafu kif huwa kien jaf lili dan peress illi konna ghamilna xi xoghol flimkien fl-imghoddi. Jiena tajtu l-elf u erba mitt euro cash, l-attur ghoddhom quddiemi u telaq mis-showroom. Qabel ma telaq jiena ghidtlu sabiex meta jkun komdu jibghatli l-ircevuta*" (fol. 9). Fix-xhieda tieghu moghtija fis-seduta tat-2 ta' Lulju, 2012, huwa jghid li huwa ta dawn l-elf u erba' mitt euro lir-rikorrenti lejn l-ahhar ta' Awwissu fix-*showroom* tas-socjeta intimata u jiftakar li kienu kollha hamsinijat. Meta gie mistoqsi l-ghala halla s-snin jghaddu minn meta huwa ta' l-flus kontanti lir-rikorrenti sakemm infethu dawn il-proceduri u qatt ma talbu ghar-ricevuta, huwa jghid li "*... jiena fdajtu u ghandi nghid ukoll illi kont qieghed naghmel it-tiswijiet tas-sistema mieghu*" (fol. 33).

Ix-xhud qal ukoll li s-sena l-ohra huwa rcieva zewgt ittri minghand ir-rikorrenti. Wahda legali u l-ohra ufficjali. Zied ighid ukoll li l-kwistjonijiet dwar il-kontijiet pendenti bdew malli huwa waqaf jaghmillu xi xogholijiet ta' tindif tal-*pool*. Fil-fatt ighid li "*hekk kif appena ma bdejt(x) immur l-attur qalli illi jiena kelli ntih xi flus u jiena ghidtlu naf li ghandi ntik xi flus*" (fol. 33). Fuq dan l-ahhar punt, l-istess xhud ighid li "*Jiena naf li kelli ntih tal-hsarat li kien gie jirranga dawn il-hsarat jiena kkalkolajthom fl-ammont ta' bejn wiehed u iehor mitejn u hamsin ewro (€250) jew tlett mitt ewro (€300). Kien ghalhekk illi jiena qatt ma grejt warajh biex nitolbu xi ricevuta l-ghaliex ma kellna l-ebda kont pendenti*". In kontro-ezami, x-xhud ighid li huwa qatt ma kiteb lir-rikorrenti biex jinfurmah bl-ilmenti li kellhu izda kellmu personalment. Meta gie mistoqsi jekk jaghrafx il-

firma tieghu fuq id-dokumenti li hemm a fol. 25, 27 u 29, ix-xhud iwiegeb fl-affermattiv pero ghar-rigward tal-firma a fol. 22 tal-process, huwa qal li mhux jaghrafha ghalkemm jaf li "... *saret is-sistema li hemm imnizzla fuq fol. 21*" (fol. 34). Mistoqsi jekk ix-xoghol indikat mir-rikorrenti sarx kollu, huwa rrisponda fl-affermattiv.

Fis-seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2012 xehed ir-rikorrenti Raymond Agius. Beda biex qal li ghandu negozju ta' l-*alarms* u n-negozju tieghu huwa maghruf bl-isem ta' Alarm Tech. Qal ukoll li s-socjeta konvenuta kienet talbitu stima ghal xogholijiet ta' *alarms* fix-*showroom* taghha li kienet ghadha kif bniet. Ix-*showroom* kien maqsum fi tnejn. Isfel kien hemm l-i*stores* u fuq kien hemm ix-*showroom*. Ix-xoghol ma kienx sar f'daqqa izda bicca bicca. Is-sistema ta' l-*alarms*, li hija wahda, kienet maqsuma fi tnejn. Biex tixghel l-*alarm* kien mehtieg li jkun hemm *keypad*. Din il-*keypad* kienet qeghda fl-i*store*. Zied ighid li "*jiena naf li l-konvenut s-socjeta konvenuta bdiet iggib xi kimika u cioe hydrolic acid (ghactu) u l-fumes li kienu johorgu minn din il-kimika ghamlet hsara lill-keypad*" (fol. 12). Dwar meta din il-*keypad* tbiddlet ghall-ewwel darba, ir-rikorrenti jghid li "*din l-ewwel keypad ahna konna rrangajniha b'xejn il-ghaliex ridna nzommu a good cutomer relationship mas-socjeta konvenuta, ma biddilnihiex ghax kien hemm xi manufacturers defect imma kif diga ghidt biddilniha buona volonta taghna*" (fol. 12). Meta din il-*keypad* giet ezaminata, rrejalizza li "*... l-hsara kienet grat minhabba l-fumes*" (fol. 12). Huwa nforma lir-rapprezentant tas-socjeta intimata li l-problema kienet ser tibqa l-istess minhabba dan il-fatt. Meta imbaghad regghet tbiddlet ghat-tieni darba din l-istess *keypad*, ir-rikorrenti jghid li din id-darba din tbiddlet bil-hlas. Fil-fatt, esebixxa *statement* mmarkata bhala RA1 (fol. 16) fejn jirrizulta li fit-3 ta' Awwissu, 2010 inharget invoice V190/10 ghas-somma ta' €218.30. Dan l-ammont, ighid ir-rikorrenti, mhux imhallas. Meta din l-istess *keypad* kienet tbiddlet ghat-tieni darba, ir-rikorrenti jghid li "*... r-rapprezentant tas-socjeta konvenuta cioe Tony Debono kien qalilna li kien sejjer jaghmel kaxxa sabiex idahhal il-keypad fiha halli ma tibqax tal-aluminium sabiex ma tibqax tigri hsara*" (fol. 12-13). Sussegwenetement, jkompli jghid

ir-rikorrenti, s-socjeta intimata kienet kellmet lill-impjegat tieghu f'Awwissu, 2010 – li kien bil-*leave* – sabiex imur jara xi problemi regghu nqalaw f'din il-*keypad*. L-impjegat tar-rikorrenti stqarr ma' l-istess rikorrenti li kien cempillu Anthony Debono fejn infurmah li din il-*keypad* reggha kellha l-problemi u li kien sejjer jaraha wara li jidhol lura mill-*leave*. Dan kien xi jumejn wara. Meta l-addett tar-rikorrenti mar ghand is-socjeta intimata, l-istess Anthony Debono infurmah li "*... kien gibed wire u rega kkonnektjah*" (fol. 13).

Ir-rikorrenti esebixxa ukoll erba' (4) dokumenti ohra (flimkien mal-*job sheets*) li jindikaw il-hlasijiet li fadallha pendenti s-socjeta konvenuta. Dawn huma:

i. Dok. RA2 (fol. 17) *invoice* numru V177/10 datata 2 ta' Lulju, 2010 fl-ammont ta' €1,196.52. Din l-invoice hija l-istess wahda bhal ma hemm a fol. 18 tal-process bid-differenza li l-*invoice* a fol. 17 fiha l-VAT maghha. Inoltre, fuq d-dokument li hemm esebit a fol. 18 tal-process, hemm il-kliem "deposit €1,000" bid-data 23/07/2009 u l-kliem "balance €14".
ii. Dok. RA3 (fol. 23) *invoice* numru V178/10 datata 2 ta' Lulju, 2010 fl-ammont ta' €1,687.40;
iii. Dok. RA4 (fol. 26) *quotation* numru Q142/10 datata 18 ta' Gunju, 2010 fl-ammont ta' €185;
iv. Dok. RA5 (fol. 28) *invoice* numru V310/10 datata 29 ta' Dicembru, 2010 fl-ammont ta' €94.40;

Dwar hlasijiet, ir-rikorrenti jghid li "*apparti l-elf euro li kien tani s-socjeta konvenuta jiena qatt ma rcevejt ebda hlas iehor ghax-xogholijiet illi ghamilna fil-fond proprjeta taghha*" (fol. 13). Dan l-elf euro (€1,000) thallas, ighid ir-rikorrenti fit-23 ta' Lulju, 2009. Zied ighid ukoll li wara li kien mar l-addett tieghu u gie nfurmat minn Anthony Debono li huwa kien gibed *wire* ma kien hemm l-ebda kuntatt mas-socjeta konvenuta jew ir-rapprezentant taghha dwar din il-kwistjoni. L-unika *issue* jghid ir-rikorrenti kienet dwar il-*keypad* u qatt ma kien hemm xi lment dwar is-sistema. Ghar-rigward tal-bilanc li fadallha taghtih is-socjeta konvenuta, r-rikorrenti jghid li "*is-socjeta konvenuta kienet tigi taghmilli xoghol ta' tindif fil-pool u*

*jiena kull meta kont inqajjem il-kwistjoni dwar il-hlas kien jghidli li huwa diga hallas deposit ta' elf ewro a parti l-elf ewro li kien diga tani u li tissemma fl-istatement li hemm esebit u mmarkat bhala dokument RA1*". Mistoqsi in kontro-ezami l-ghala huwa ma harigx ricevuta lis-socjeta intimata fl-ammont ta' elf u erba' mitt euro (€1,400), r-rikorrenti jghid li "*ma ghamiltix ghax ma thallastx*" (fol. 36). Ghar-rigward tal-hlas ta' elf euro (€1,000) ir-rikorrenti jghid li din kienet ghal *fire alarm system* u fil-fatt fuq dik l-*invoice* kien ghad fadal bilanc ta' erbatax-il euro (€14). L-*intruder alarm* giet *invoiced* ghaliha. Ghar-rigward tal-hlas ta' elf u erba' mitt euro (€1,400), ir-rikorrenti, in ri-ezami jghid li "*waqt illi l-konvenuta qed tnaddafli l-pool jiena skoprejt li kien hemm issue bejn is-socjeta konvenuta u jiena ghar-rigward ta; xi hlas, jiena nafha bhala elf ewro u mhux elf u erbgha mitt ewro*".

Francesco de Lorenzo xehed li huwa jahdem bhala *technician* mar-rikorrenti u kien il-persuna li nstallat is-sistema tal-*alarms* fl-ufficini li hemm fejn l-i*stores*. Huwa qal li s-sistema haddimha u kollox kien jiffunzjona sew. Zied ighid ukoll li r-rapprezentant tas-socjeta konvenuta kien kellmu f'okkazzjoni wahda biss u kien infurmah li s-sistema ma kinitx qeghda tahdem. L-ghada ta' din l-okkazzjoni li kien cempillu r-rapprezentant tas-socjeta intimata, x-xhud kien sejjer johrog bil-*leave* u ghalhekk infurmah li kellu jmur il-pitghada. Lejliet li kellu jmur, ix-xhud cempel lil Anthony Debono li da parti tieghu nfurmah li ma kellhux ghalfejn imur. Dan ix-xhud qal ukoll li l-ewwel darba li kien mar biex ibiddel il-*keypad*, din kienet ittieklet bl-acidu likien izomm go dawk l-istess *stores*. Meta marru biex ibiddlu l-*keypad* it-tieni darba, huwa kien gie nfurmat mir-rapprezentant tas-socjeta intimata li kien ser jaghmel kaxxa tal-*aluminium* issiggilata sabiex ma jibqax jidhol l-acidu mal-*keypad*. In kontro-ezami, huwa qal li dejjem inzammet l-istess tip ta' *keypad* u li meta huma bidlu din l-istess *keypad*, huma infurmaw lis-socjeta konvenuta "*... illi l-hsara kienet qeghda tigri minhabba l-ghactu li kien qieghed izomm vicin taghha*" (fol. 14). Mistoqsi jekk is-sistema li giet installata tahdimx jekk ikun hemm *keypad* wahda biss ixxortjata, x-xhud wiegeb u qal li iva din tahdem, basta li l-*keypad* l-ohra tkun tahdem.

Ikkunsidra ulterjorment;

Ir-rikorrenti qieghed jitlob il-hlas tas-somma bilancjali ta' €2,196.62, ghal installar ta' apparat elettroniku fil-proprjeta tas-socjeta intimata. Ir-rikorrenti esebixxa *statement of account* (dok. RA1 fol 16) u l-invoices relattivi ghall-istess, kif ukoll il-job sheets relattivi. Is-socjeta intimata, tramite r-rapprezentant taghha ma tikkontestax li x-xogholijiet indikati fil-*job sheets* esebiti effettivament saru mir-rikorrenti. Ghal bidu, u cioe fl-ewwel eccezzjoni taghha, s-socjeta intimata tghid li l-ammont mitlub huwa mhallas. Din l-istqarrija taghha pero hija newtralizzata minn dak li jghid Anthony Debono, r-rapprezentant ta' l-istess socjeta intimata fix-xhieda tieghu moghtija in kontro-ezami nhar it-2 ta' Lulju, 2012 meta jammetti li "*jiena naf li kelli ntih tal-hsarat li kien gie jirranga dawn il-hsarat jiena kkalkolajthom fl-ammont ta' bejn wiehed u iehor mitejn u hamsin ewro (€250) jew tlett mitt ewro (€300)*" (fol. 33). Ghalhekk, din l-ewwel eccezzjoni taghha qeghda tigi michuda.

Ghar-rigward tat-tieni eccezzjoni taghha, s-socjeta intimata tghid li jekk ghandu jirrizulta li fadal xi bilanc mhux imhallas dana jirreferi ghal tiswijiet u oggetti installati fil-garanzija. Ghall-istess raguni li ghadha kif issemmiet hawn fuq din it-tieni eccezzjoni ukoll ma tistax tintlaqa. Jekk is-sistema kienet ghadha bil-garanzija, allura r-rapprezentant tas-socjeta intimata ma messu qatt qal li "*jiena naf li kelli ntih tal-hsarat li kien gie jirranga dawn il-hsarat jiena kkalkolajthom fl-ammont ta' bejn wiehed u iehor mitejn u hamsin ewro (€250) jew tlett mitt ewro (€300)*" (fol. 33). Jew hemm il-garanzija jew le. Apparti dan, din id-dikjarazzjoni tindika ukoll li s-socjeta intimata kellha xi responsabbilita ghal hsara li saret fis-sistema. Li kieku s-sistema kellha xi difett, allura din kienet tigi rrangata minghajr ebda obbligazzjoni da parti tas-socjeta intimata biex thallas. Il-garanzija ghalhekk qeghda u mhux biex x'hin jinqala l-hsara wiehed ihallas ghal dik il-hsara kif stqarr li kien ser jaghmel ir-

rapprezentant tas-socjeta intimata. Ghalhekk, anke din it-tieni eccezzjoni qeghda tigi michuda.

It-tielet eccezzjoni tas-socjeta intimata hija fis-sens li hija ghamlet spejjez addizzjonali sabiex issewwi l-hsarat kbar illi l-attur (recte: rikorrenti) halla fis-sistema installata minnu. Dwar dan il-punt, ir-rikorrenti jghid li l-hsarat li bdiet iggarrab il-*keypad* tas-sistema installata kienet minhabba l-*fumes* li kien hemm fil-post fejn giet installata. Dan peress li fl-i*stores* tas-socjeta intimata kienu jinzammu l-acidu u l-*chlorine.* L-intimata tipprova tghid li dan l-argument tar-rikorrenti ma ghandux mis-sewwa l-ghaliex is-sistema kienet diffettuza u dan peress li ma kienitx installata sewwa. Fil-fatt tghid li wara li hija nkarigat lill-haddiehor, u wara li biddel xi partijiet mis-sistema ghax din kienet ixxortjata, problemi fis-sistema aktar ma kienx hemm. F'dan ir-rigward, Anthony Debono jghid li "*wara li nstalla dawn l-affarijiet minn dakinhar ghaddew disa' xhur u la kelli problemi bil-chlorine u lanqas bit-trabbijiet jew bl-ghactu*" (fol. 9). Huwa minnu ukoll li s-socjeta intimata esebiet *invoice* datata 21 ta' Frar, 2011 mahruga minn Unitech fejn fiha hemm indikati l-affarijiet li saru, pero t-Tribunal ma huwiex konfortat bix-xhieda tal-persuna li ghamlet dawn l-istess affarijiet. Kull ma hemm hija x-xhieda ta' parti interessata li tghid li dawn l-oggetti ssosstitwew oggetti simili fis-sistema installata mir-rikorrenti. Pero, fil-fehma tat-Tribunal din l-istqarrija wahedha ma hijiex bizzejjed biex ixxejjen l-istqarrija tar-rikorrenti u ta' l-addett tieghu u cioe li l-*keypad* kienet tbiddlet minhabba li kien hemm l-acidu u l-*chlorine* fil-post fejn kien dan l-istess *keypad*. Apparti dan, l-istess rikorrenti u l-addett tieghu jghidu li Anthony Debono kien qalilhom li huwa kien ser jaghmel kaxxa sabiex idahhal il-*keypad* fiha biex ma tibqax tigrilha hsara. Din id-dikjarazzjoni ta' dawn iz-zewg persuni qatt ma giet kontrastata mis-socjeta intimata b'xhieda ta' terzi, bhal, dik ta' Gary, u cioe l-persuna li ghamlet, skond l-istess socjeta intimata xogholijiet riparatorji fis-sistema installata mir-rikorrenti. Apparti minn hekk, jidher li l-uniku kwistjoni li kienet qeghda issib is-socjeta intimata fis-sistema installata kienet il-kwistjoni tal-*keypad*. Ma issemma qatt xejn dwar xi hsarat ohra. Fil-fatt, meta r-rapprezentant tas-

socjeta gie mistoqsi jekk huwa qattx kiteb lir-rikorrenti biex jinfurmah b'din il-kwistjoni, t-twegiba tieghu kienet "... *le qatt ma ktibtlu b'Avukat pero kellimtu personalment* ". Issa fuq dan l-ahhar punt ta' li kellmu personalment, ir-rikorrenti jichad li Anthony Debono qatt qallu xi haga dwar is-sistema (apparti l-kwistjoni tal-*keypads*) u jzid ighid li "*waqt illi l-konvenuta qed tnaddafli l-pool jiena skoprejt li kien hemm issue bejn is-socjeta konvenuta u jiena ghar-rigward ta' xi hlas, jiena nafha bhala elf ewro u mhux elf u erbgha mitt ewro*" (fol. 36). Ghalhekk, anke din it-tielet eccezzjoni tas-socjeta konvenuta qeghda tigi michuda.

Ghar-rigward ta' l-ammont bilancjali ta' €2,196.62, jinghad li hemm qbil bejn il-partijiet li kienet thallset is-somma ta' elf euro (€1,000) mis-socjeta konvenuta lir-rikorrenti ghall-installar ta' sistema ta' *alarms* fix-*showroom* taghha. Ma hemmx qbil dwar hlasijiet ulterjuri. Is-socjeta intimata tghid li hija tat is-somma ta' elf u erba' mitt euro (€1,400) fi flus kontanti meta r-rikorrenti kien mar jara s-sistema li kienet giet installata fix-*showroom* taghha. Anthony Debono jghid li "*Qabel ma telaq jiena ghidtlu sabiex meta jkun komdu jibghatli ricevuta*" (fol. 9). Dan kien fis-sena 2010. Il-kawza infethet fi Frar, 2012 u fis-sena 2011, is-socjeta intimata kienet irceviet ittra legali u ufficjali fejn intalbet thallas dan l-ammont. Ghal dawn l-ittri, s-socjeta intimata baqghet qatt ma baghtet ittra risponsiva, kif lanqas qatt ma baghtet xi ittra biex tfakkar lir-rikorrenti jibghatilha ricevuta ghall-hlas fi flus kontanti li skond hi, kienet ghamlet lir-rikorrenti. Dawn in-nuqqasijiet ma huma imputabbli fuq hadd ghajr fuq is-socjeta intimata.

Kif korrettement gie osservat fis-sentenza fl-ismijiet **Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri** deciza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti civili fis-27 ta' Mejju, 1970 per Imhallef Maurice Caruana Curran "*bhala konsiderazzjoni legali dwar in-natura ta' l-oneru tal-provi in materja ta' pagamenti ta' debiti civili l-Qorti tirritjeni li, ghalkemm kif dejjem gie ritenut, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f'kaz ta' dubju ragjonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le, dan id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa fuq l-attur mill-bidu sa l-ahhar*

*tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. U fil-kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi inkombenti rispettivament lilhom, cioe l-attur, l-esigibilita u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja ta' l-ewwel u jibqa dejjem jimpera l-principju 'actore non probante, reus absolvitur'. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor 'reus in exipiendo fit actor' ghax, jerga' jinghad, l-oneru centrali ta' l-akkuza jibqa fuqu. Altrimenti f'kull kaz ta' kunflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa sospiza fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu*".

Dan iwassal ghal konsiderazzjoni tal-prova gravanti fuq il-konvenuta tal-pagament li hija tallega li ghamlet. L-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet **Negte. Michele Apap noe vs Giuseppe Grech** deciza 28 ta' Mejju, 1885 qalet li "*La prova del pagamento e' a peso del convenuto che lo allega*[1]*.* Fi kliem iehor, in tema ghal dak li nghad fid-decizjoni aktar 'il fuq citata, il-konvenuti jenhtiegilhom qabel xejn jipprovaw, b'mod konvincenti u konkluziv, illi huma effettivament ghamlu l-hlas lura tas-somma reklamata. Jekk huma ma jirnexxilhomx jaghmlu din il-prova, l-effett estintiv ta' l-obbligazzjoni (art. 1145 tal-Kodici Civili) ma jistax jirnexxi. Wisq ovvjament, din id-deficjenza tirrikadi fuqhom ghax fuqhom kien inkombenti l-oneru tal-prova tal-pagament;

Fis-sentenza fl-ismijiet **Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri** sup. cit. insibu li "*qari attent tieghu juri li hu aktar komplimentari ma' dak il-principji (il-prova tal-pagament inkombenti fuq id-debitur) u jestendi in fatti l-oneru tal-prova fuq il-kreditur biss f'dawk il-kazijiet fejn id-debitur ikun effettivament issodisfa l-prova tal-pagament lil hinn mid-dubju ragonevoli. Ifisser ghalhekk illi sakemm id-debitur konvenut ma jkunx issodisfa dik il-prova u allura ma jkunx adegwatament issostanzja l-eccezzjoni tieghu, l-attur kreditur ma kien jehtieglu jaghmel xejn biex jiggustifika t-talba tieghu. Jibqa allura salv il-principju illi f'kaz ta' dubju jimmilita favur l-attur kreditur. F'kaz ta'*

[1] Kollez. Vol. X pagna 825

*dubju ragonevoli jekk l-ammont kienx dovut, dik il-prova kienet tispetta lill-attur li kien mistenni li jaghmel dik il-prova qabel ma l-konvenut jipproduci l-provi tieghu in sostenn ta' l-eccezzjoni tal-pagament. Ghalkemm iz-zewg proposizzjonijiet jidhru li huma z-zewg ucuh ta' l-istess medalja, id-differenza sottili fl-impostament ta' l-argoment tezisti*" (Ara **Desmond Mizzi noe vs Patrick Filletti pro et noe** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Jannar, 2000).

Hu pacifikament stabbilit illi "*l-pagament jista jigi pruvat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jigifieri bi provi diretti, bhal dokumenti, xhieda u l-konfessjoni tal-kreditur. Kif ukoll bi provi indiretti, bhal ma huma l-presunzjonijiet u l-indizji li jridu jkunu tali li jkunu kapaci jikkonvincu lill gudikant*[2]".

Illi mill-provi prodotti, t-Tribunal huwa tal-fehma li s-socjeta intimata ma rnexxielie x fuq bazi ta' konvinciment morali tikkonvinci lit-Tribunal li hija effettivament ghamlet dan il-pagament ta' elf u erba' mitt euro (€1,400). Ghalhekk, it-Tribunal isib li t-talba tar-rikorrenti hija gustifikata u jisthoqq li tintlaqa.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta intimata, jilqa t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lill-istess socjeta intimata sabiex thallas lir-rikorrenti s-somma ta' elfejn mija sitta u disghin euro u tnejn u sittin centezmi ta' euro (€2,196.62). Bl-imghaxijiet skond il-ligi kif mitluba.

L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mis-socjeta intimata.

[2] Ara d-decizjonijiet riportati fil-volumi XLIII p.II p 624 u XXXVII p.I p.525

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------